# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Appell Nru: 260/2017

**Il-Pulizja**

**Vs**

**George Gatt**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat George Gatt detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 468159 talli fis-16 ta' Mejju, 2012 u fil-gimghat ta' qabel go Salsbury Snack Bar, High Street, Sliema: 1) Naqas milli jikkonforma ruhu ma' xi htigijiet tal-avviz ta' tnehhija, liema avviz gie moghti lilu fit-3 ta' Mejju, 2012; u (2) Ghamel uzu minn forn/forga f'post li minnu, li minhabba li m'hemmx cumnija li tiehu d-duhhan ghal fuq il-bejt tal-bini, l-istess duhhan qed imur fit-triq jew f'dar vicina, kif ukoll uza dan il-forn u l-forga b'mod li jdejqu jew jkunu ta' inkonvenjent lill-girien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Mejju, 2015 li biha ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi (*recte:* imputazzjonijiet) dedotti kontra tieghu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Gunju, 2017 li bih talab lil din il-Qorti **thassar** is-sentenza appellata li biha lliberat lill-appellat George Gatt minn kull imputazzjoni u htija u minflok issibu hati tal-akkuzi (*recte:* imputazzjonijiet) dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentement tipprefigi piena skond il-ligi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar spurgar ta' rwejjah u fwar derivanti mill-kcina ta' *snack bar* appartenenti lill-appellat sottopost ghall-appartment tal-kwerelant liema spurgar qed isir gewwa *shaft* komuni bejn diversi sidien tal-appartamenti sovrastanti in mankanza ta' cumnija li tiehu l-arja tal-kcina ghall-fuq il-bejt. Dan qed ikun ta' inkonvenjent lill-kwerelant li ghalhekk ghamel ilment mal-awtoritajiet sanitarji. L-istess awtorita' spezzjonat il-fond u harget *moratorium* kontra tieghu sabiex jesegwixxi ix-xogholijiet mehtiega izda baqa' inadempjenti u ghalhekk inghata inizzju ghal dawn il-proceduri;

2. L-appellat kien liberat mill-ewwel Qorti u l-Avukat Generali interpona dan l-appell b'aggravji li jista' jinghad li huma ekwiparabbli ghall-interpretazzjoni zbaljata tal-fatti u tal-ligi. Oltre dan, l-Avukat Generali jillanja l-liberatorja kwantu t-tieni imputazzjoni bhala li mhux *safe and satisfactory* mill-lat procedurali;

3. Ezaminati l-atti processwali inkluz is-sentenza appellata jemergi illi dawn huma kolpiti minn diversi nuqqasijiet. Din il-Qorti, izda, ser tillimita ruhha ghal-tnejn minn dawn in-nuqqasijiet. L-ewwel nuqqas qed ikun sollevat *ex officio* peress illi si tratta ta' kwistjoni ta' ordni pubbliku. Is-sentenza appellata hija datata 18 ta' Mejju, 2015 meta l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kienu ghadhom mhux konkluzi tant illi fit-18 ta' Mejju 2017 il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza. Dan ma jistax jitqies bhala *lapsus calami* u ghalhekk din is-sentenza qed tkun dikjarata nulla u bla effett;

4. Issa fit-termini tal-artikolu 419(3) tal-Kodici Kriminali din il-Qorti ghandha tiddeciedi hi l-kawza mill-gdid. Dan izda ma huwiex possibbli ghaliex l-istess sentenza hija kolpita minn nuqqas iehor li jikkonsisti fin-nuqqas tal-ewwel Qorti li effettivament tiddeciedi fuq wahda mill-imputazzjonijiet b'mod, allura, illi li kieku kellha tiddeciedi dwarha din il-Qorti tkun qed tippriva lill-parti mid-dritt tad-doppio esame. Dan jorbot mat-tieni parti tat-tieni aggravju tal-Avukat Generali meta jillanja li s-sentenza mhix wahda *safe and satisfactory* fejn si tratta tat-tieni imputazzjoni. Ghal dan il-ghan qed tkun riprodotta il-parti konklussiva tas-sentenza appellata:

> "Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli indikati; u cioe l-Artikolu 128 (b) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u Parti II Reg. 12 tal-Kapitolu 465 tal-Ligijiet ta' Malta, u stante li l-

ewwel (1) akkuza hija assorbibbli fit-tieni (2) akkuza ma ssibx lill-imputat Geroge Gatt hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih"

5. Din il-konkluzzjoni tipotizza diversi possibilitajiet ta' interpretazzjoni, haga li qatt ma ghandu jkun meta si tratta ta' sentenza tal-Qorti. L-ewwel ipotezi hi dik l-aktar ovvja, igifieri li ghaliex l-ewwel imputazzjoni hi assorbibbli fit-tieni wahda allura mhix qed tinsab htija fiz-zewg imputazzjonijiet. Fl-ewwel lok, l-hekk imsejjah assorbiment kif ravvizat fl-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali japplika biss meta tinstab htija f'wiehed mir-reati meta t-tieni wiehed jitqies bhala mezz ghall-fini u mhux meta jkun hemm liberatorja f'wiehed mir-reati. Apparti dan, il-kwistjoni hawn skrutinata tassumi importanza aktar gravi meta it-tieni ipotezi tirraviza nuqqas ta' decizzjoni fuq wahda mill-imputazzjonijiet;

6. Il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda konsiderazzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni u ezaminat biss it-tieni wahda. Dan hu rifless ukoll fil-parti dispozittiva appena riprodotta. Din is-sentenza mhix konformi ma' dak li jitolbu l-artikoli 377 u 382 tal-Kodici Kriminali, igifieri li l-Qorti ghandha taghti sentenza fuq kull imputazzjoni migjuba quddiemha. Qed issir referenza ghas-segwenti gurisprudenza ghall-ahjar intendiment: **Il-Pulizija vs Carmel Mifsud** App Krim tas-6.7.2007, **Il-Pulizija vs Joseph Brown** App Krim 31.5.12 u **Il-Pulizija vs Robert Farrugia** App Krim 19.11.2015) u **Il-Pulizija vs Philip Zahra 348/15** talt-28 ta' Settembru, 2017.

7. L-ewwel Qorti ghalhekk naqset milli tosserva formalita' sostanzjali f'zewg istanzi billi indikat data hazina fis-sentenza taghha kif ukoll ma kkonsidratx wahda mill-imputazzjonjiet

dedotti kontra l-appellat, konsegwenza ta' liema din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza nulla. Sabiex ma tipprivax lill-parti mid-dritt ta' doppio esame, qed tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex terga' tiddeciedi l-kaz skond il-ligi u stante li issa dan il-kaz twal ferm oltre zmien ragjonevoli tissollecita ezitu aktar spedjenti;